# ĦABTIET ŻGĦAR

## *Inbaffu x-xogħol u tinqeda aħjar*

Il-Korp tal-Pulizija jixtieq jaqdik; jiġġieled il-kriminalita' u jħares id-drittijiet tiegħek ta' ċittadin. Sabiex nilħqu din il-missjoni tagħna bdejna programm ta' ħidma fit-tul bil-għan li jkollna korp modern, effettiv u dinamiku.

Qed inġeddu l-mod ta' kif naħdmu. Qed ninvestu bis-sħiħ fir-riżorsi umani u fit-teknoloġija. Qed indaħħlu mekkaniżmi ta' kontroll u trasparenza. Qed naħdmu għall-aħjar impieg tal-membri tal-korp billi nsaħħu l-infurzar tal-liġi u ngħaddu lil ħaddieħor dak ix-xogħol li jtellifna mill-missjoni tagħna ta' ħarsien u taż-żamma ta' l-ordni.

Kullħadd jaqbel li l-biċċa l-kbira ta' l-inċidenti tat-traffiku huma żgħar u ta' ħela tal-ħin prezzjuż tal-pulizija. Ħadd ma jsejjaħ ambulanza għal-uġigħ ta' ras u hekk ukoll jidhrilna li m'hemmx bżonn tal-pulizija għal għadd kbir mill-ħabtiet iż-żgħar.

Forsi hemm min jinkwieta li mingħajr il-preżenza tal-pulizija fuq il-post jista' jispiċċa minn taħt u bla kumpens. Għalhekk qgħadna attenti li qatt ma jkun hemm riskju għad-drittijiet tiegħek u għall-faċilitajiet għal kumpens.

Jekk tkun involut f'ħabta ta' bejn il-bumpers ta' quddiem u ta' wara ta' żewġ vetturi, kull ma għandek tagħmel hu li timla formola, tiffirmawha int u s-sewwieq l-ieħor u tgħaddieha lill-kumpannija ta' l-assigurazzjoni tiegħek. Tagħti ukoll kopja lis-sewwieq l-ieħor. Formola waħda bejnietkhom biżżejjed ( u żewġ formoli fejn jaħbtu tlett vetturi). Tiffranka ħafna telf ta'żmien u ma timblukkax triq.

Fejn jinqalgħu xi problemi jew jekk l-inċident ikun iktar serju, ovvjament, dejjem għandek iċċempilna l-Kwartieri Ġenerali fuq telefon 224001 (kif ukoll għall-ambulanza, jekk hemm min weġġa' gravi). Nixtiequ naqduk meta għandek bżonn l-għajnuna tagħna. U jkollok is-serħan tal-moħħ li se naslu aktar malajr.

Jekk jogħġbok aqra l-istruzzjonijiet fuq kif għandek timla l-formola li ġiet inkluża ma' dan il-fuljett. Kopja ta' din il-formola dejjem għanda tinżamm fil-karozza tiegħek.




# BUMPER-TO-BUMPER COLLISIONS

## *Helping us give you a better service.*

The Police Force is here to serve you; to fight crime and to protect your rights as a citizen. To fulfil this mission, the Force has embarked on a long term change programme to provide you with a modern, effective and more dynamic Force.

We are updating the way we work. We are investing in human and technological resources. We are introducing mechanisms to ensure control and transparency at all times. We are aiming for better working conditions for our police officers by strengthening our law enforcement role and civilianising duties which side-track us from our main objective: to maintain law and order.

The majority of traffic accidents are minor collisions. Precious police time is wasted attending to these minor collisions. Just as you wouldn't call an ambulance for a headache, you shouldn't need to call a police officer to the site of a minor bumper-to-bumper collision.

You may be concerned that your right to compensation may not be protected without police presence at the scene of a minor collision. We can assure you that we have taken great care to ensure that your compensation rights are always protected.

Should you be involved in a straightforward front to rear, bumper -to-bumper collision, all you need to do is fill in a form (which insurance companies will be providing), make sure that it is signed by yourself and the other driver, and pass it on to your insurance company. Only one form (two where there are three vehicles involved etc.) is necessary. You should give the carbon copy to the other driver. This new procedure is cost and time effective and reduces traffic congestion and stress on our roads.

Should you have a problem with this procedure or where the accident is of a more serious nature, please feel free to telephone our General Head Quarters on telephone number 224001 (and also call an ambulance if it is needed). We will be there when you really need us. And with this new procedure we'll be available quicker.

A statement form is enclosed for your convenience. Please read the instructions on how to fill in the form carefully. A copy of a statement form should always be kept in your vehicle.

